



Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2022/0032(COD)

14.12.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep)
(COM(2022)0046 – C9-0039/2022 – 2022/0032(COD))

Rapporteur għal opinjoni(*): Maria-Manuel Leitão-Marques

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tishiĥ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep) hija mibnija fuq tliet pilastri. Din l-opinjoni tiffoka fuq it-tielet pilastru tagħha, li għandu l-għan li jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq intern fir-rigward tal-provvista tal-prodotti semikondutturi.

Bħala Rapporteur għall-Kumitat IMCO, nissimplifika l-monitoraġġ tas-suq intern. L-abbozz ta' opinjoni tiegħi jikkonferixxi lill-Kummissjoni l-kompetenza li tikkoordina l-monitoraġġ, tiġbor direttament l-informazzjoni meħtieġa mingħand l-atturi ewlenin tas-suq, l-entitajiet kritiċi tas-settur jew mingħand l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi ewlenin tas-suq. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jassistu lill-Kummissjoni fil-ġbir tal-informazzjoni mingħand atturi oħra. Barra mill-fażi ta' kriżi, il-livell ta' dettall tal-informazzjoni meħtieġa jitnaqqas. L-industrija, permezz tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, għandha tassisti fid-definizzjoni tal-informazzjoni li għandha tinġabar.

Sabiex nikkumpensa għal dan l-issimplifikar, inkludejt żewġ artikoli ġodda fl-abbozz ta' opinjoni tiegħi. Fl-ewwel wieħed, nintroduċi obbligi ta' governanza u ta' mitigazzjoni tar-riskju għall-atturi ewlenin tas-suq u għall-entitajiet tas-setturi kritiċi, biex niżgura li dawn jikkontribwixxu għall-isforzi ta' reżiljenza fis-suq intern. Fit-tieni artikolu, noħloq eżerċizzju ta' mmappjar. Dan l-eżerċizzju ta' mmappjar jgħammar lill-Kummissjoni bl-għarfien meħtieġ tal-katina tal-valur tas-semikondutturi, sabiex teżerċita politika industrijali futura infurmata, u jassisti fit-teħid tad-deċiżjonijiet waqt mumententi ta' kriżi, speċjalment jekk dawn jirriżultaw minn kunflitti ġeopolitiċi.

Fir-rigward tal-fażi ta' kriżi, nintroduċi definizzjoni ta' kriżi, li tillimita l-ambitu tagħha għal sitwazzjonijiet li fihom jiġu affettwati setturi kritiċi. Ninvolvi lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi fl-attivazzjoni tal-istadju ta' kriżi kif ukoll fl-użu tas-sett ta' għodod ta' emerġenza.

Dan l-abbozz ta' opinjoni għandu l-għan li jtejjeb it-tielet pilastru tal-Att dwar iċ-Ċipep, billi jistabbilixxi strument aktar ibbilanċjat, kemm f'mumententi ta' kriżi kif ukoll fi żminijiet normali, b'distribuzzjoni u tnaqqis aktar ġusti tal-piżijiet, involviment akbar tal-industrija, u ċarezza mtejbja dwar is-sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għall-użu ta' strumenti ta' emerġenza.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Dan il-qafas għandu żewġ objettivi. L-ewwel objettiv huwa li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività u għall-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Unjoni u li jiġi żgurat l-aġġustament tal-industrija għal bidliet strutturali minħabba ċikli rapidi ta' innovazzjoni u l-ħtieġa **għal** sostenibbiltà. It-tieni objettiv, **separat u** li jikkumplimenta lill-ewwel wieħed, huwa li **jittejjeb il-funzjonament** tas-suq intern permezz tal-istabbiliment ta' qafas legali uniformi tal-Unjoni għaż-żieda tar-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tas-semikondutturi.

Emenda

(3) Dan il-qafas għandu żewġ objettivi. L-ewwel objettiv huwa li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività u għall-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Unjoni u li jiġi żgurat l-aġġustament tal-industrija għal bidliet strutturali minħabba ċikli rapidi ta' innovazzjoni u l-ħtieġa **ta'** sostenibbiltà, **kif ukoll li jiġi żgurat l-istabbiliment ta' ekosistema pan-Ewropea waħda għas-semikondutturi fis-suq intern b'għarfien, għarfien espert u riżorsi kondiviżi, u b'punti ta' forza komuni.** It-tieni objettiv, li jikkumplimenta lill-ewwel wieħed, huwa li **jittejbu l-funzjonament u r-reżiljenza** tas-suq intern permezz tal-istabbiliment ta' qafas legali uniformi tal-Unjoni għaż-żieda tar-reżiljenza **fit-tul, l-awtonomija strateġika miftuħa** u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tas-semikondutturi, **kif ukoll għat-tisħiħ tar-rwol tagħha fil-livell tal-katina tal-valur globali tas-semikondutturi.**

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) L-użu tas-semikondutturi huwa kritiku għal diversi setturi ekonomiċi u funzjonijiet tas-soċjetà fl-Unjoni u għalhekk, provvista reżiljenti għall-funzjonament tas-suq intern hija essenzjali. Minħabba ċ-ċirkolazzjoni wiesgħa ta' prodotti **ta'** semikondutturi bejn il-fruntieri, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tas-semikondutturi jistgħu jiġu indirizzati bl-aqwa mod permezz tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat. Bl-għan li jkunu jistgħu jittieħdu miżuri kkoordinati għall-bini tar-reżiljenza, huma meħtieġa regoli armonizzati għall-iffaċilitar tal-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista ta' semikondutturi fl-Unjoni. **II-mekkaniżmu propost** ta' monitoraġġ u ta' rispons għall-kriżijiet jenħtieġ li **jkun** uniformi biex **jippermetti** approċċ koordinat għat-tħejjija għall-kriżijiet fil-katina tal-valur tas-semikondutturi transfruntieri.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Is-suq intern jibbenefika ħafna minn standards komuni għal ċipep ekoloġiċi, affidabbli u siguri. L-apparati intelliġenti, is-sistemi u l-pjattaformi ta' konnettività futuri se jkollhom jibbażaw fuq komponenti ta' semikondutturi avvanzati u se jkollhom jissodisfaw rekwiżiti ekoloġiċi, ta' fiduċja u ta' ċibersigurtà li fil-biċċa l-kbira se jiddependu fuq il-karatteristiċi tat-teknoloġija sottostanti. Għal dak il-għan, l-

(5) L-użu tas-semikondutturi huwa kritiku għal diversi setturi ekonomiċi u funzjonijiet tas-soċjetà fl-Unjoni u għalhekk, provvista reżiljenti għall-funzjonament tas-suq intern hija essenzjali. Minħabba ċ-ċirkolazzjoni wiesgħa ta' prodotti semikondutturi bejn il-fruntieri, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tas-semikondutturi jistgħu jiġu indirizzati bl-aqwa mod permezz tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat **sabiex jiġi żviluppat suq intern b'saħħtu għas-semikondutturi**. Bl-għan li jkunu jistgħu jittieħdu miżuri kkoordinati għall-bini tar-reżiljenza, huma meħtieġa regoli armonizzati għall-iffaċilitar tal-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista ta' semikondutturi fl-Unjoni. **II-mekkaniżmi proposti** ta' monitoraġġ, **ta' mmappjar** u ta' **prevenzjoni u** rispons għall-kriżijiet jenħtieġ li **jkunu** uniformi u **effiċjenti** biex **jippermettu** approċċ koordinat għat-tħejjija **u r-rispons** għall-kriżijiet fil-katina tal-valur tas-semikondutturi transfruntieri **u jevitaw distorsjonijiet tal-kundizzjonijiet ekwi tagħha**.

Emenda

(27) **Sabiex tissaħħaħ l-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi**, is-suq intern jibbenefika ħafna minn standards komuni **Ewropej** għal ċipep ekoloġiċi, affidabbli u siguri, **allinjati mal-istandards internazzjonali meta jkun xieraq**. L-apparati intelliġenti, is-sistemi u l-pjattaformi ta' konnettività futuri se jkollhom jibbażaw fuq komponenti ta' semikondutturi avvanzati u se jkollhom jissodisfaw rekwiżiti ekoloġiċi, ta' fiduċja u

Unjoni jenħtieġ li tiżviluppa proċeduri ta' ċertifikazzjoni ta' referenza u tirrikjedi li l-industrija tiżviluppa b'mod konġunt tali proċeduri għal setturi u teknoloġiji speċifiċi b'impatt soċjali għoli potenzjali.

ta' ċibersigurtà li fil-biċċa l-kbira se jiddependu fuq il-karatteristiċi tat-teknoloġija sottostanti. Għal dak il-għan, l-Unjoni jenħtieġ li tiżviluppa proċeduri ta' ċertifikazzjoni ta' referenza u, **meta jkun xieraq**, tirrikjedi li l-industrija tiżviluppa b'mod konġunt tali proċeduri għal setturi u teknoloġiji speċifiċi b'impatt soċjali għoli potenzjali. **Id-durabbiltà, l-interoperabbiltà u s-sostenibbiltà tal-apparat tal-infrastruttura sottostanti huma prerekwiżiti fundamentali biex jiġi żgurat li l-kisbiet fl-effiċjenza ma jiġux ikkanċellati minn ċikli qosra ta' tiġdid. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni lill-iżvilupp ta' prattiki sostenibbli fil-manifattura taċ-ċipep fl-Ewropa.**

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) L-istandards komuni għaċ-ċipep ekoloġiċi jenħtieġ li jadottaw approċċ ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja li jqis l-indikaturi ambjentali rilevanti ewlenin kollha inklużi l-eżawriment tar-riżorsi, l-emissjonijiet tal-karbonju, l-ewtrofikazzjoni, l-istress idriku, it-tossiċità, l-ismog tas-sajf u l-konsum elettriku lokali. Jenħtieġ li jinkludu kriterji tal-ekodisinn ċari u armonizzati bħall-użu tar-riżorsi, l-orijini tar-riżorsi, il-konsum tal-enerġija, il-faċilità tar-riċiklaġġ tal-materjali, l-użu ta' materjali riċiklati u d-durabbiltà.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, jenħtieġ li tħejji t-triq għal ċertifikazzjoni ta' ċipep ekoloġiċi, affidabbli u siguri u sistemi inkorporati li jibbażaw fuq it-teknoloġiji tas-semikondutturi jew li jagħmlu użu estensiv minnhom. ***B'mod partikolari, jenħtieġ li jiddiskutu u jidentifikaw is-setturi u l-prodotti rilevanti li jehntiegu*** tali ċertifikazzjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Fid-dawl tan-nuqqasijiet strutturali tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi u r-riskju li jirriżulta ta' nuqqasijiet futuri, dan ir-Regolament jipprovdi strumenti għal approċċ ikkoordinat għall-monitoraġġ u ***għall-indirizzar effikaċi*** tat-tfixkil possibbli tas-suq.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Minħabba l-ktajjen tal-valur tas-semikondutturi kumplessi, li qed jevolvu malajr u li huma interkonnessi ma' diversi atturi, huwa meħtieġ approċċ koordinat

(28) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi ***u organizzazzjonijiet rappreżentattivi ewlenin tas-suq***, jenħtieġ li ***tidentifika s-setturi u l-prodotti rilevanti biex*** tħejji t-triq għal ċertifikazzjoni ta' ċipep ekoloġiċi, affidabbli u siguri u sistemi inkorporati li jibbażaw fuq it-teknoloġiji tas-semikondutturi jew li jagħmlu użu estensiv minnhom. Tali ċertifikazzjoni ***jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ir-riskju u jenħtieġ li tiddependi fuq standards internazzjonali***.

Emenda

(29) Fid-dawl tan-nuqqasijiet strutturali ***u r-riskji ġeopolitiċi*** tal-katina tal-provvista ***globali*** tas-semikondutturi u r-riskju li jirriżulta ta' nuqqasijiet futuri, dan ir-Regolament jipprovdi strumenti għal approċċ ikkoordinat għall-monitoraġġ u ***l-immappjar tal-katina tal-valur tas-semikondutturi u għall-mitigazzjoni*** tat-tfixkil possibbli tas-suq. ***Waqt il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tas-suq, jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn it-tfixkil strutturali u n-nuqqasijiet għal żmien qasir u temporanji li jkunu parti fil-funzjonament normali tas-suq.***

Emenda

(30) Minħabba l-ktajjen tal-valur tas-semikondutturi kumplessi, li qed jevolvu malajr, ***vulnerabbli*** u li huma interkonnessi ma' diversi atturi, huwa meħtieġ approċċ

għal monitoraġġ regolari biex tiżdied il-kapaċità li jittaffew ir-riskji li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-provvista tas-semikondutturi. **L-Istati Membri** jenħtieġ li **jimmonitorjaw il-katina** tal-valur tas-semikondutturi li tiffoka fuq indikaturi ta' twissija bikrija u d-disponibbiltà u l-integrità tas-servizzi u l-oġġetti pprovduti minn atturi ewlenin tas-suq, b'tali mod li ma tirrappreżentax piż amministrattiv eċċessiv għall-impriżi.

koordinat għal monitoraġġ regolari, **identifikazzjoni tal-aħjar Prattiki u aktar trasparenza** biex tiżdied il-kapaċità li jittaffew ir-riskji li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-provvista tas-semikondutturi **għall-katina tal-provvista tas-semikondutturi nnifsha jew għas-setturi kritiċi. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti**, jenħtieġ li **timmonitorja l-katina** tal-valur tas-semikondutturi li tiffoka fuq indikaturi ta' twissija bikrija u d-disponibbiltà u l-integrità tas-servizzi u l-oġġetti pprovduti minn atturi ewlenin tas-suq, b'tali mod li ma tirrappreżentax piż amministrattiv eċċessiv għall-impriżi. **Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġġustifika b'mod adegwat it-talbiet tagħha għall-informazzjoni lill-atturi indirizzati tal-katina tal-valur tas-semikondutturi.**

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30a) Konxja mill-fatt li l-kumplexità tal-katina tal-valur tfisser li l-miżuri tal-aħħar minuta biex jiġu evitati n-nuqqasijiet huma inqas Prattiki, l-Unjoni jenħtieġ li tistinka biex tottimizza l-prevenzjoni tar-riskju u l-ippjanar strateġiku tagħha.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(34) **L-Istati Membri** jenħtieġ li jwissu lill-Kummissjoni jekk il-fatturi rilevanti jindikaw kriżi ta' semikondutturi potenzjali.

(34) **L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti** jenħtieġ li jwissu lill-Kummissjoni jekk il-fatturi rilevanti

Sabiex tiġi żgurata reazzjoni koordinata għall-indirizzar ta' kriżijiet bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ li, fuq it-twissija ta' **Stat Membru** jew permezz ta' sorsi oħra, inkluż informazzjoni mingħand sħab internazzjonali, **issejjaħ** laqgħa straordinarja tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għall-valutazzjoni tal-ħtieġa li tiġi attivata l-fażi ta' kriżi **u għad-diskussjoni** dwar jekk jistax ikun xieraq, meħtieġ u proporzjonat għall-Istati Membri li jwettqu akkwist konġunt koordinat. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinvolvi ruħha f'konsultazzjonijiet u f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rilevanti bil-ħsieb li jiġi indirizzat kwalunkwe tfixkil fil-katina tal-provvista internazzjonali, f'konformità mal-obbligi internazzjonali u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti proċedurali skont it-Trattat dwar il-ftehimiet internazzjonali.

jindikaw kriżi ta' semikondutturi potenzjali. Sabiex tiġi żgurata reazzjoni koordinata għall-indirizzar ta' kriżijiet bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ li, fuq it-twissija ta' **awtorità kompetenti nazzjonali** jew permezz ta' sorsi oħra, inkluż informazzjoni mingħand sħab internazzjonali, **tikkonvoka** laqgħa straordinarja tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għall-valutazzjoni tal-ħtieġa li tiġi attivata l-fażi ta' kriżi, **għall-valutazzjoni** dwar jekk jistax ikun xieraq, meħtieġ u proporzjonat għall-Istati Membri li jwettqu akkwist konġunt koordinat, **għat-trawwim tal-koordinazzjoni bejn l-atturi tal-katina tal-valur tas-semikondutturi u l-iffaċilitar tal-iskambju tal-informazzjoni, u għall-identifikar tal-aħjar Prattiki biex jingħelbu n-nuqqasijiet u l-punti ta' konġestjoni identifikati**. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinvolvi ruħha f'konsultazzjonijiet u f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rilevanti bil-ħsieb li jiġi indirizzat kwalunkwe tfixkil fil-katina tal-provvista internazzjonali, f'konformità mal-obbligi internazzjonali u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti proċedurali skont it-Trattat dwar il-ftehimiet internazzjonali. **Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni jenħtieġ li titlob lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jivvalutaw l-istat ta' tħejjija tal-atturi ewlenin tas-suq u tal-entitajiet tas-setturi kritiċi**.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) **Bħala parti mill-monitoraġġ**, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jagħmlu **wkoll immappjar** tal-impriżi li joperaw fl-Unjoni tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi stabbiliti fit-territorju nazzjonali tagħhom u jgħaddu din l-

Emenda

(35) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jagħmlu **mmappjar** tal-impriżi li joperaw fl-Unjoni tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi stabbiliti fit-territorju nazzjonali tagħhom u jgħaddu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni. **Il-**

informazzjoni lill-Kummissjoni.

Kummissjoni jenħtieġ li tuża din l-informazzjoni biex twettaq l-immappjar tagħha tal-katina tal-valur tas-semikondutturi.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Sabiex ***jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ*** effikaċi, hija meħtieġa valutazzjoni fil-fond tar-riskji assoċjati ma' stadji differenti tal-katina tal-valur tas-semikondutturi, inkluż dwar l-oriġini u s-sorsi tal-provvisti lil hinn mill-Unjoni. Tali riskji jistgħu jkunu relatati ma' inputs u ma' tagħmir kritiċi għall-industrija, inkluż prodotti diġitali li jaf ikunu vulnerabbli, impatt possibbli ta' semikondutturi ffalsifikati, kapaċitajiet ta' manifattura ***u*** riskji oħra li jistgħu jfixklu, jikkompromettu jew jaffettwaw b'mod negattiv il-katina tal-provvista. Dawk ir-riskji jistgħu jinkludu ktajjen tal-provvista b'punt uniku ta' falliment jew li inkella jkunu kkonċentrati ħafna. Fatturi rilevanti oħra jistgħu jinkludu d-disponibbiltà ta' sostituti jew sorsi alternattivi għal inputs kritiċi u trasport reżiljenti u sostenibbli. ***Il-Kummissjoni, assistita mill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u filwaqt li tqis ukoll l-informazzjoni li tirċievi mill-kategoriji ta' utenti ewlenin, jenħtieġ li tiżviluppa valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni.***

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Sabiex tipprevedi u tħejji għal tfixkil futur tal-istadji differenti tal-katina

Emenda

(36) Sabiex ***jiġu ffaċilitati l-monitoraġġ u l-mitigazzjoni tar-riskju*** effikaċi ***mill-atturi ewlenin tas-suq u mill-entitajiet tas-setturi kritiċi***, hija meħtieġa valutazzjoni fil-fond tar-riskji assoċjati ma' stadji differenti tal-katina tal-valur tas-semikondutturi, inkluż dwar l-oriġini u s-sorsi tal-provvisti lil hinn mill-Unjoni. Tali riskji jistgħu jkunu relatati ma' inputs u ma' tagħmir kritiċi għall-industrija, inkluż prodotti diġitali li jaf ikunu vulnerabbli, impatt possibbli ta' semikondutturi ffalsifikati, kapaċitajiet ta' manifattura, ***nuqqas ta' stokkijiet suffiċjenti u dipendenza eċċessiva mill-manifattura "just-in-time", fost*** riskji oħra li jistgħu jfixklu, jikkompromettu jew jaffettwaw b'mod negattiv il-katina tal-provvista. Dawk ir-riskji jistgħu jinkludu ktajjen tal-provvista b'punt uniku ta' falliment jew li inkella jkunu kkonċentrati ħafna. Fatturi rilevanti oħra jistgħu jinkludu d-disponibbiltà ta' sostituti jew sorsi alternattivi għal inputs kritiċi u trasport reżiljenti u sostenibbli.

Emenda

(37) Sabiex tipprevedi, ***tipprevjeni*** u tħejji għal tfixkil futur tal-istadji differenti

tal-valur tas-semikondutturi fl-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li, ***bl-għajnuna tal-Bord*** Ewropew dwar is-Semikondutturi, tidentifika indikaturi ta' twissija bikrija fil-valutazzjoni tar-riskju tal-Unjoni. Indikaturi bħal dawn jistgħu jinkludu d-disponibbiltà ta' materja prima, prodotti intermedji u kapital uman meħtieġa għall-manifattura tas-semikondutturi, jew tagħmir tal-manifattura xieraq, id-domanda prevista għas-semikondutturi fis-swieq tal-Unjoni u dawk globali, iż-żidiet fil-prezzijiet li jaqbżu l-fluttwazzjonijiet normali fil-prezzijiet, l-effett ta' inċidenti, attacchi, diżastri naturali jew avvenimenti serji oħra, l-effett tal-politiki kummerċjali, it-tariffi, ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, l-ostakli kummerċjali u miżuri oħra relatati mal-kummerċ, u l-effett tal-għeluq tan-negozju, tad-delokalizzazzjonijiet jew tal-akkwiżizzjonijiet ta' atturi ewlenin tas-suq. ***L-Istati Membri*** jenħtieġ li jimmonitorjaw dawn l-indikaturi ta' twissija bikrija.

tal-katina tal-valur tas-semikondutturi fl-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li, ***wara li tikkonsulta lill-Bord*** Ewropew dwar is-Semikondutturi ***u lil organizzazzjonijiet rappreżentattivi ewlenin tas-suq***, tidentifika indikaturi ta' twissija bikrija fil-valutazzjoni tar-riskju tal-Unjoni. ***Dawn l-indikaturi ta' twissija bikrija jenħtieġ li jintużaw għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tad-disponibbiltà u l-integrità tas-servizzi u l-oġġetti pprovduti mill-atturi ewlenin tas-suq.*** Indikaturi bħal dawn jistgħu jinkludu d-disponibbiltà ta' materja prima, prodotti intermedji u kapital uman meħtieġa għall-manifattura tas-semikondutturi, jew tagħmir tal-manifattura xieraq, id-domanda prevista għas-semikondutturi fis-swieq tal-Unjoni u dawk globali, iż-żidiet fil-prezzijiet li jaqbżu l-fluttwazzjonijiet normali fil-prezzijiet, l-effett ta' inċidenti, attacchi, diżastri naturali jew avvenimenti serji oħra, l-effett tal-politiki kummerċjali, it-tariffi, ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, l-ostakli kummerċjali u miżuri oħra relatati mal-kummerċ, u l-effett tal-għeluq tan-negozju, tad-delokalizzazzjonijiet jew tal-akkwiżizzjonijiet ta' atturi ewlenin tas-suq. ***L-indikaturi jenħtieġ li jkunu eżawrjenti kemm ikun meħtieġ u l-użu tagħhom jenħtieġ li jkun ġustifikat adegwatament. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti*** jenħtieġ li jimmonitorjaw dawn l-indikaturi ta' twissija bikrija.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) Għadd ta' impriżi li jipprovdu servizzi jew oġġetti tas-semikondutturi huma preżunti li huma essenzjali għal katina tal-provvista tas-semikondutturi effikaċi fl-ekosistema tas-semikondutturi tal-Unjoni, minħabba l-għadd ta' impriżi

Emenda

(38) Għadd ta' impriżi li jipprovdu servizzi jew oġġetti tas-semikondutturi huma preżunti li huma essenzjali għal katina tal-provvista tas-semikondutturi effikaċi fl-ekosistema tas-semikondutturi tal-Unjoni, minħabba l-għadd ta' impriżi

tal-Unjoni li jiddependu fuq il-prodotti tagħhom, is-sehem tagħhom mis-suq tal-Unjoni jew globali, l-importanza tagħhom li jiżguraw livell suffiċjenti ta' provvista jew l-impatt possibbli tat-tfixkil fil-provvista tal-prodotti jew tas-servizzi tagħhom. **L-Istati Membri** jenħtieġ li jidentifikaw dawk l-atturi ewlenin tas-suq fit-territorju tagħhom.

tal-Unjoni li jiddependu fuq il-prodotti tagħhom, is-sehem tagħhom mis-suq tal-Unjoni jew globali, l-importanza tagħhom li jiżguraw livell suffiċjenti ta' provvista jew l-impatt possibbli tat-tfixkil fil-provvista tal-prodotti jew tas-servizzi tagħhom. **L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti** jenħtieġ li jidentifikaw dawk l-atturi ewlenin tas-suq fit-territorju tagħhom.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(39a) Sabiex jiġi evitat tfixkil fil-kompetizzjoni u l-koeżjoni fis-suq intern, u biex jiġi żgurat l-allinjament tagħhom mal-għanijiet ta' politika tal-Unjoni u mat-tranżizzjoni doppja, il-Kummissjoni jenħtieġ li tanalizza l-effetti fit-tul tas-sussidji mogħtija f'dan ir-Regolament. L-analiżi jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku u tiġi aġġornata mill-inqas kull 3 snin.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(40) Bħala parti mill-monitoraġġ, **L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw** speċifikament id-disponibbiltà u l-integrità tas-servizzi u tal-oġġetti ta' atturi ewlenin tas-swieq. Kwistjonijiet bħal dawn jistgħu jitressqu għall-attenzjoni tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi mill-Istat Membru kkonċernat.

(40) Bħala parti mill-monitoraġġ, **il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra** speċifikament id-disponibbiltà u l-integrità tas-servizzi u tal-oġġetti ta' atturi ewlenin tas-swieq. Kwistjonijiet bħal dawn jistgħu **wkoll** jitressqu għall-attenzjoni tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi mill-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 16

**Proposta għal regolament
Premessa 41**

Test propost mill-Kummissjoni

(41) *Għal rispons rapidu, effiċjenti u kkoordinat min-naħa tal-Unjoni għal kriżi tas-semikondutturi, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni f'waqtha u aġġornata lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar is-sitwazzjoni operazzjonali li qiegħda tiżviluppa kif ukoll billi jiġi żgurat li jkun jistgħu jittieħdu miżuri effikaċi biex tiġi żgurata l-provvista ta' semikondutturi lis-setturi kritiċi affettwati.*

Emenda 17

**Proposta għal regolament
Premessa 41a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(41) *Meta titqies il-hteġa li tiġi evitata kriżi tas-semikondutturi u biex tiġi żgurata reżiljenza akbar tas-suq intern, l-entitajiet tas-setturi kritiċi jenħtieġ li jivvalutaw is-sigurtà tal-provvista tagħhom ta' prodotti semikondutturi u jimplementaw miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, bħad-diversifikazzjoni tal-fornituri, jew il-kumulazzjoni ta' riżerva ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet li jkun f'riskju akbar ta' nuqqasijiet. L-adozzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju jenħtieġ li tkun proporzjonata għad-dipendenza tagħhom fuq prodotti semikondutturi u għar-riskju ta' nuqqas ta' dawn tal-aħħar.*

(41a) *L-għan tal-immappjar fit-tul tal-katina tal-valur jenħtieġ li jkun li jipprovdi bażi analitika għall-għodod u l-inizjattivi ta' politika li jsaħħu l-Awtonomija Strateġika Miftuħa tal-Unjoni. L-immappjar istituzzjonalizzat fit-tul tal-katina tal-valur globali tas-semikondutturi jidentifika l-interdipendenzi u d-dipendenzi kbar, id-dewmien, il-punti ta' konġestjoni, u l-pożizzjonijiet kompetittivi tal-kumpaniji u tal-pajjiżi. L-immappjar jenħtieġ li jkopri s-swieq tal-fornituri (bħat-tagħmir, is-sustanzi kimiċi, il-wejfers), il-passi tal-produzzjoni (bħad-disinn taċ-ċipep, il-manifattura front-end u back-end) kif ukoll il-prodotti finali u s-swieq tagħhom (bħall-mikrokontrolluri awtomobilistiċi). L-immappjar jenħtieġ li jipprovdi punt tat-tluq komuni għall-unitajiet tal-gvern li*

jkunu qed jaħdmu fuq l-iskrinjar tal-investimenti, is-sanzjonijiet, u s-sussidji u r-restrizzjonijiet tal-esportazzjonijiet, kif ukoll jipprovdi informazzjoni għall-fini ta' sħubijiet teknoloġiċi potenzjali ma' pajjiżi tal-istess fehma. Filwaqt li jikkomplementa l-monitoraġġ propost tal-katina tal-provvista, l-immappjar jenħtieġ li jkollu l-għan li jidentifika, jivvaluta u fl-aħħar mill-aħħar jippermetti mmaniġġjar aħjar tad-dipendenzi u l-kapaċitajiet strateġiċi tal-Ewropa fl-ekosistema globali tas-semikondutturi biex jappoġġa l-Awtonomija Strateġika Miftuħa tal-Unjoni, pjuttost milli jantiċipa u jtaffi tfixkil tal-provvista fuq perjodu qasir. Fl-aħħar nett, dan l-eżerċizzju ta' mmappjar jenħtieġ li jidentifika u jivvaluta l-inċentivi, l-opportunitajiet u l-lakuni fl-investiment fil-katina tal-provvista tas-semikondutturi tal-Unjoni. Tali fatturi jinkludu, fost oħrajn, l-aċċess għal ħaddiema tas-sengħa u mħarrġa kif xieraq, il-prossimità għal raggruppamenti tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi, l-aċċess għal materja prima u inputs kritiċi, id-disponibbiltà ta' enerġija rinnovabbli u l-provvisti ta' materjal sostenibbli.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 41b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(41b) Meta titqies l-importanza tas-sostenibbiltà tal-investimenti fil-katina tal-provvista tas-semikondutturi, huwa essenzjali li l-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-atturi tal-katina tal-valur tas-semikondutturi jagħtu attenzjoni partikolari lill-għanijiet ta' politika eżistenti tal-Unjoni, bħat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, u lill-impatt soċjali u ambjentali tagħhom

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

(42) Il-fażi ta' kriżi tas-semikondutturi jenħtieġ li tiġi attivata fil-preżenza ta' evidenza konkreta, serja u affidabbli ta' tali kriżi. Kriżi tas-semikondutturi sseħħ f'każ ta' tfixkil serju fil-provvista ta' semikondutturi li ***jwasslu*** għal nuqqasijiet sinifikanti ***li jinvolvu dewmien sinifikanti u effetti negattivi fuq settur ekonomiku importanti wieħed jew aktar fl-Unjoni, jew direttament jew permezz ta' effetti kollaterali tan-nuqqas, minħabba li s-setturi industrijali tal-Unjoni jirrappreżentaw bażi ta' utenti b'saħħitha*** ta' semikondutturi. ***Alternattivament jew barra minn hekk, kriżi tas-semikondutturi sseħħ ukoll meta tfixkil serju fil-provvista tas-semikondutturi jwassal għal nuqqasijiet sinifikanti li jipprevjenu l-provvista, it-tiswija u l-manutenzjoni ta' prodotti essenzjali użati minn setturi kritiċi, pereżempju tagħmir mediku u dijanjostiku.***

Emenda 20

Proposta għal regolament

Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) Sabiex jiġi żgurat rispons aġli u effikaċi għal kriżi tas-semikondutturi bħal din, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tattiva l-fażi ta' kriżi permezz ta' ***atti*** ta' implimentazzjoni u għal perjodu ta' żmien determinat minn qabel, filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Il-Kummissjoni

Emenda

(42) Il-fażi ta' kriżi tas-semikondutturi jenħtieġ li tiġi attivata fil-preżenza ta' evidenza konkreta, serja u affidabbli ta' tali kriżi. Kriżi tas-semikondutturi sseħħ f'każ ta' tfixkil serju fil-provvista ta' semikondutturi li ***jwassal*** għal nuqqasijiet sinifikanti ta' semikondutturi, ***prodotti intermedji jew materja prima jew materjali pproċessati, fi kwalunkwe ħolqa tal-katina tal-provvista*** tas-semikondutturi, li ***jxekkel il-funzjonament tas-setturi*** kritiċi.

Emenda

(43) Sabiex jiġi żgurat rispons aġli u effikaċi għal kriżi tas-semikondutturi bħal din, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa, ***jekk ikun meħtieġ u proporzjonat***, li tattiva l-fażi ta' kriżi permezz ta' ***att*** ta' implimentazzjoni ***bi skop definit*** u għal perjodu ta' żmien determinat minn qabel, filwaqt li titqies l-opinjoni tal-Bord

jenħtieġ li tivvaluta l-ħtiegħa **għal** estensjoni u testendi d-durata tal-fażi ta' kriżi għal perjodu determinat minn qabel, jekk tali ħtiegħa tiġi aċċertata, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi.

Ewropew dwar is-Semikondutturi. Il-Kummissjoni jenħtiegħ li tivvaluta l-ħtiegħa **ta'** estensjoni u testendi d-durata tal-fażi ta' kriżi għal perjodu determinat minn qabel, jekk tali ħtiegħa tiġi aċċertata, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, **u, jekk tali ħtiegħa tiġi aċċertata f'każ li dik il-kriżi ġiet attivata skont l-Artikolu 18(1)(b), ittawwal d-durata tal-fażi ta' kriżi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni ġodda. Meta t-tfixkil fil-provvista jkun għe riżolt, il-Kummissjoni tista' ttejjem il-fażi ta' kriżi qabel tmiem id-durata tagħha, wara konsultazzjoni mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.**

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni

(44) Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-koordinazzjoni ta' kull miżura nazzjonali meħuda fir-rigward tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi huma indispensabbli tul il-fażi ta' kriżi bl-għan li jiġi indirizzat it-tfixkil bil-koerenza, bir-reżiljenza u bl-effettività meħtiegħa. Għal dan l-għan, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jenħtiegħ li jorganizza laqgħat straordinarji kif meħtiegħ. Kwalunkwe miżura meħuda jenħtiegħ li tkun strettament limitata għall-perjodu ta' żmien tal-fażi ta' kriżi.

Emenda

(44) Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-koordinazzjoni ta' kull miżura nazzjonali meħuda fir-rigward tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi huma indispensabbli tul il-fażi ta' kriżi bl-għan li jiġi indirizzat it-tfixkil bil-koerenza, bir-reżiljenza u bl-effettività meħtiegħa. Għal dan l-għan, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi jenħtiegħ li jorganizza laqgħat straordinarji kif meħtiegħ. Kwalunkwe miżura meħuda jenħtiegħ li tkun strettament limitata għall-perjodu ta' żmien tal-fażi ta' kriżi **u tkun ibbażata fuq l-evidenza.**

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 44a (għdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(44a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li jiġu allokat i riżorsi adegwati għall-istrutturi u l-kompiti ta' dan ir-Regolament li jaqgħu taħt l-awtorità tagħha, sabiex dan ir-Regolament jiġi implimentat b'mod effettiv.

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni

(53) Meta tiġi attivata l-fażi ta' kriżi, żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jagħtu mandat lill-Kummissjoni biex taggrega d-domanda u taġixxi f'isimhom għall-akkwist pubbliku tagħhom fl-interess pubbliku, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri eżistenti tal-Unjoni, u b'hekk **tingrana** l-kapaċità tal-akkwist tagħha. Il-mandat jista' jawtorizza lill-Kummissjoni tidħol fi ftehimiet dwar ix-xiri ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet għal **ċerti setturi** kritiċi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li, għal kull talba, tivvaluta l-utilità, in-neċessità u l-proporzjonalità f'konsultazzjoni mal-Bord. Meta tkun biħsiebha ma ssegwix it-talba, jenħtieġ li tinforma lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Bord u tagħti r-raġunijiet tagħha. Barra minn hekk, l-Istati Membri parteċipanti jenħtieġ li jkunu intitolati jaħtru rappreżentanti biex jipprovdu gwida u pariri matul il-proċeduri ta' akkwist u fin-negozjar tal-ftehimiet ta' xiri. It-tnejn għall-użu u l-użu ta' prodotti mixtrija jenħtieġ li jibqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri parteċipanti.

Emenda

(53) Meta tiġi attivata l-fażi ta' kriżi, żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jagħtu mandat lill-Kummissjoni biex taggrega d-domanda u taġixxi f'isimhom għall-akkwist pubbliku tagħhom fl-interess pubbliku, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri eżistenti tal-Unjoni, u b'hekk **tisfrutta** l-kapaċità tal-akkwist tagħha. **Ix-xiri komuni jenħtieġ li jintuża b'mod espliċitu biex isolvi t-tfixkil fil-provvista tas-semikondutturi matul kriżi u jenħtieġ li ma jintuża għal skopijiet oħra. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinkludi dispożizzjonijiet fil-ftehim qafas dwar l-użu ulterjuri maħsub tal-prodotti mixtrija f'każ li mhux il-prodotti kollha jintużaw matul il-fażi ta' kriżi.** Il-mandat jista' jawtorizza lill-Kummissjoni tidħol fi ftehimiet dwar ix-xiri ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet **għas-setturi** kritiċi **identifikati fl-ambitu tal-att ta' implimentazzjoni li jattiva l-fażi ta' kriżi.** Il-Kummissjoni jenħtieġ li, għal kull talba, tivvaluta l-utilità, in-neċessità u l-proporzjonalità f'konsultazzjoni mal-Bord. Meta tkun biħsiebha ma ssegwix it-talba, jenħtieġ li tinforma lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Bord u tagħti r-raġunijiet tagħha. Barra minn hekk, l-Istati Membri parteċipanti jenħtieġ li jkunu intitolati jaħtru rappreżentanti biex jipprovdu gwida u pariri matul il-proċeduri ta' akkwist u fin-negozjar tal-ftehimiet ta' xiri. It-tnejn għall-użu u l-użu ta' prodotti mixtrija

jenħtieġ li jibqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri parteċipanti, *f'konformità mal-ftehim qafas u mal-użu intenzjonat iddikjarat tiegħu. Il-ftehimiet kollha tal-akkwist li jirriżultaw mill-isforzi tal-akkwist jenħtieġ li jaderixxu mal-ogħla livell ta' trasparenza biex jippermettu l-iskrutinju pubbliku tal-kuntratti.*

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri ***u l-Kummissjoni għall-monitoraġġ tal-provvista tas-semikondutturi u rispons għall-kriżijiet minħabba nuqqasijiet ta' semikondutturi.***

Emenda

(c) l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, ***il-Kummissjoni u l-atturi fil-katina tal-valur tas-semikondutturi, għall-immappjar u l-monitoraġġ tal-katina tal-valur tas-semikondutturi;***

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ca) ***l-iżvilupp ta' għodod ta' prevenzjoni tal-kriżijiet u rispons għall-kriżijiet tas-semikondutturi.***

Emenda

(ca) ***l-iżvilupp ta' għodod ta' prevenzjoni tal-kriżijiet u rispons għall-kriżijiet tas-semikondutturi.***

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) "atturi ewlenin tas-suq" tfisser impriżi fis-settur tas-semikondutturi tal-Unjoni, li l-funzjonament affidabbli tagħhom huwa essenzjali għall-katina tal-provvista tas-semikondutturi;

Emenda

(15) "atturi ewlenin tas-suq" tfisser impriżi fis-settur tas-semikondutturi tal-Unjoni, ***inklużi d-distributuri***, li l-funzjonament affidabbli tagħhom huwa essenzjali għall-katina tal-provvista tas-

semikondutturi;

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) "settur kritiku" tfisser kwalunkwe settur *imsemmi fl-Anness tal-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi, is-settur tad-difiża u attivitajiet oħra li huma rilevanti għas-sikurezza u s-sigurtà pubblika;*

Emenda

(16) "settur kritiku" tfisser kwalunkwe settur *jew subsettur li huwa kruċjali għaż-żamma tal-funzjonijiet soċjetali vitali, jiġifieri s-saħħa pubblika u s-sikurezza u s-sigurtà pubbliċi;*

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(16a) "organizzazzjonijiet rappreżentattivi ewlenin tas-suq" tfisser organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-impriżi involuti fil-produzzjoni tas-semikondutturi, l-utenti tas-semikondutturi, jew impriżi oħra tal-katina tal-valur tas-semikondutturi b'attivitajiet rilevanti fl-oqsma tat-teknoloġiji tal-proċessuri u s-semikondutturi;

Emenda

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) "prodott rilevanti għall-kriżijiet" tfisser semikondutturi, prodotti intermedji u materja prima meħtieġa għall-produzzjoni ta' semikondutturi jew prodotti

Emenda

(17) "prodott rilevanti għall-kriżijiet" tfisser semikondutturi, prodotti intermedji, u materja prima *u materjali pproċessati* meħtieġa għall-produzzjoni ta'

intermedji, li huma milquta mill-kriżi tas-semikondutturi **jew** ta' importanza **strateġika** biex tiġi rrimedjata l-kriżi tas-semikondutturi **jew l-effetti ekonomiċi tagħha**;

semikondutturi jew prodotti intermedji, li huma milquta mill-kriżi tas-semikondutturi **u huma** ta' importanza **kruċjali** biex tiġi rrimedjata l-kriżi tas-semikondutturi;

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) "kriżi tas-semikondutturi" tfisser tfixkil serju fil-provvista tas-semikondutturi li jwassal għal nuqqasijiet sinifikanti tas-semikondutturi, tal-prodotti intermedji jew tal-materja prima jew il-materjali pproċessati, fi kwalunkwe ħolqa tal-katina tal-valur tas-semikondutturi u li jxekkel il-funzjonament tas-setturi kritiċi;

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 15 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Monitoraġġ **u twissija**

Monitoraġġ

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom iwettqu monitoraġġ regolari tal-katina tal-valur tas-semikondutturi. B'mod partikolari, **huma għandhom:**

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għandha timmonitorja u ttejjeb it-trasparenza tal-katina tal-valur tas-semikondutturi. B'mod partikolari, **għandha:**

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jimmonitorjaw l-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafi 2 u 3;

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) jidentifikaw l-aħjar prattiki għall-mitigazzjoni tar-riskju u għal żieda fit-trasparenza fil-katina tal-valur tas-semikondutturi.

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jipprovdu s-sejbiet rilevanti lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi fil-forma ta' aġġornamenti regolari.

Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi d-data u s-sejbiet rilevanti kollha lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi fil-forma ta' aġġornamenti regolari.

Emenda 36

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jiltaqa' biex jivvaluta r-riżultati tal-monitoraġġ. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi

ewlenin tas-suq għal dawk il-laqgħat.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tistieden ukoll lil atturi ewlenin tas-suq, lil entitajiet tas-setturi kritiċi, lil awtoritajiet jew organizzazzjonijiet rappreżentattivi ewlenin tas-suq ta' pajjiżi terzi sħab, u lil esperti mill-akkademja u mis-soċjetà ċivili għal dawn il-laqgħat.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***L-Istati Membri għandhom jistiednu lill-utenti ewlenin tas-semikondutturi*** u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex jipprovdu informazzjoni dwar ***varjazzjonijiet sinifikanti fid-domanda u dwar tfixkil magħruf*** tal-katina tal-provvista tagħhom. ***Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu u struttura amministrattiva għal dawn l-aġġornamenti.***

Emenda

2. ***Il-Kummissjoni għandha tistieden lil organizzazzjonijiet rappreżentattivi ewlenin tas-suq, lil atturi ewlenin tas-suq, lil entitajiet tas-setturi kritiċi*** u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, ***inklużi dawk li joperaw f'pajjiżi terzi sħab***, biex jipprovdu informazzjoni dwar ***l-elementi relatati mas-semikondutturi*** tal-katina tal-provvista tagħhom, ***bħat-tfixkil magħruf.***

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura skont l-Artikolu 26(1) jistgħu jitolbu informazzjoni minn organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' impriżi jew impriżi individwali li joperaw tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi fejn meħtieġ u proporzjonat għall-finijiet tal-paragrafu 1. ***F'każ bħal dan, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jagħtu attenzjoni partikolari lill-SMEs biex jimminimizzaw il-piż amministrattiv***

Emenda

3. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura skont l-Artikolu 26(1) ***għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni fil-ġbir tal-informazzjoni tagħha skont il-paragrafu 2. Għal dak il-għan***, jistgħu jitolbu informazzjoni minn organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' impriżi jew impriżi individwali li joperaw tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi fejn meħtieġ u proporzjonat għall-finijiet tal-paragrafu 1.

li jirriżulta mit-talba u jiffavorixxu soluzzjonijiet diġitali biex jiksbu tali informazzjoni. Kwalunkwe informazzjoni miksuba skont dan il-paragrafu għandha tiġi ttrattata f'konformità mal-obbligi ta' kunfidenzjalità stabbiliti fl-Artikolu 27.

Emenda 39

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni skont il-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi punt uniku ta' kuntatt għall-provvista ta' informazzjoni, inkluż mekkaniżmu li permezz tiegħu l-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni rilevanti b'mod faċli u sigur.

Fl-isforzi tagħhom ta' ġbir ta' informazzjoni, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jimminimizzaw il-piż amministrattiv li jirriżulta mit-talba, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-SMEs, u għandhom jużaw soluzzjonijiet diġitali biex jiksbu tali informazzjoni. It-talbiet għal data kunfidenzjali għandhom jinżammu għall-minimu meħtieġ, ikunu ġustifikati kif xieraq, u jiġu ttrattati f'konformità mal-obbligi ta' kunfidenzjalità stabbiliti fl-Artikolu 27.

Emenda 40

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-organizzazzjonijiet

rappreżentattivi ewlenin tas-suq, għandha tadotta linji gwida relatati mat-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta, inkluża gwida dwar l-istruttura għall-għoti ta' informazzjoni, biex ikun żgurat li d-data tkun komparabbli, tinġabar u tinħażen b'mod sigur, u tippermetti analiżi sinifikanti u effettiva.

Il-Kummissjoni għandha taġġorna dik il-gwida meta jkun meħtieġ, sabiex tirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi, ġeopolitiċi u tas-suq.

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3c. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport annwali, f'kooperazzjoni mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, dwar il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ deskritt fil-paragrafi 1 sa 3. Għandha tivvaluta r-regolarità tat-talbiet għal informazzjoni u t-tip u l-volum tal-informazzjoni li qed tintalab, b'mod partikolari mill-SMEs. Ir-rapport jista' jkun fih suġġerimenti biex il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ jiġi ssimplifikat aktar jew biex jiżdied l-appoġġ lill-impriżi fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ.

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3d. Bil-għan li jiġu ffaċilitati l-kompiti ta' monitoraġġ indikati f'dan l-Artikolu, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta'

standards ta' trasparenza min-naħa tal-impriżi tal-katina tal-valur tas-semikondutturi. Għal dak il-għan, għandu jidentifika d-data essenzjali rilevanti għal dan l-iskop, jistabbilixxi lista ta' data ewlenija nieqsa u jivvaluta l-opportunitajiet għall-istandardizzazzjoni tar-rekwiżiti tas-settijiet tad-data u l-ħtiġijiet għat-trasferimenti tad-data mill-impriżi tal-katina tal-valur tas-semikondutturi.

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Meta Stat Membru jsir konxju ta' kriżi potenzjali tas-semikondutturi, ta' fluttwazzjoni sinifikanti fid-domanda jew ikollu informazzjoni konkreta u affidabbli dwar kwalunkwe fattur jew avveniment ieħor ta' riskju li jimmaterjalizza, huwa għandu javża minnufih lill-Kummissjoni ("twissija bikrija").

imħassar

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Meta l-Kummissjoni ssir konxja ta' kriżi ta' semikondutturi potenzjali, fluttwazzjoni sinifikanti fid-domanda jew ikollha informazzjoni konkreta u affidabbli ta' xi fattur jew avveniment ta' riskju ieħor li jimmaterjalizza, abbażi ta' twissija minn Stat Membru pprovduta f'konformità mal-paragrafu 4, jew permezz ta' sorsi oħra, inkluż informazzjoni mingħand sħab internazzjonali, hija għandha mingħajr

imħassar

dewmien żejjed:

(a) ikollha laqgħa straordinarja tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi biex tikkoordina l-azzjonijiet li ġejjin:

(1) tivvaluta jekk l-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi msemmi fl-Artikolu 18 hix iġġustifikata;

(2) tiddiskuti dwar jekk jistax ikun xieraq, meħtieġ u proporzjonat għall-Istati Membri li jixtru b'mod konġunt semikondutturi, prodotti intermedji jew materja prima affettwati jew f'theddida li jiġu affettwati minn kriżi ta' semikondutturi potenzjali ("akkwist koordinat");

(b) tidħol f'konsultazzjonijiet jew f'kooperazzjoni, f'isem l-Unjoni, ma' pajjiżi terzi rilevanti bl-għan li tfittex soluzzjonijiet kooperattivi biex tindirizza t-tfixkil fil-katina tal-provvista, f'konformità mal-obbligi internazzjonali. Dan jista' jinvolvi, fejn xieraq, koordinazzjoni f'fora internazzjonali rilevanti.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. L-akkwist ikkoordinat imsemmi fil-paragrafu 5, il-punt (a)(ii), għandu jitwettaq mill-Istati Membri f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 38 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁶.

imħassar

⁶⁶ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id- 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. *L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura skont l-Artikolu 26(1) għandhom jimmappjaw l-impriżi li joperaw tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi fit-territorju nazzjonali tagħhom, inkluż informazzjoni mhux kunfidenzjali dwar is-servizzi jew l-oġġetti, u informazzjoni ta' kuntatt. Huma għandhom jinnotifikaw din il-lista u kwalunkwe aġġornament sussegwenti lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' toħroġ gwida, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, biex tispeċifika ulterjorment l-informazzjoni li għandha tinġabar u tiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet u l-formati tekniċi.*

imħassar

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni u indikaturi ta' twissija bikrija

Indikaturi ta' twissija bikrija

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, *tivvaluta r-riskji li jistgħu jfixklu, jikkompromettu jew jaffettwaw b'mod negattiv il-provvista tas-*

1. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi *u mal-organizzazzjonijiet rappreżentanti ewlenin tas-suq, tidentifika, abbażi tal-eżitu tal-eżerċizzji*

semikondutturi (valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni). Fil-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tidentifika indikaturi ta' twissija bikrija.

ta' monitoraġġ u ta' mmappjar, l-indikaturi ta' twissija bikrija li għandhom jiġu mmonitorjati. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawn l-indikaturi ta' twissija bikrija disponibbli pubblikament.

Dawk l-indikaturi ta' twissija bikrija għandhom jintużaw biex jiġu vvalutati u mmonitorjati d-disponibbiltà u l-integrità tas-servizzi u tal-oġġetti pprovduti mill-atturi ewlenin tas-suq identifikati skont l-Artikolu 17, inklużi l-eventwali punti ta' konġestjoni jew id-dipendenzi għoljin mill-prodotti jew mit-tagħmir tal-pajjiżi terzi.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi *l-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni inkluż* l-indikaturi ta' twissija bikrija kif meħtieġ.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-indikaturi ta' twissija bikrija kif meħtieġ.

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. *Meta jimmonitorjaw il-katina tal-valur tas-semikondutturi skont l-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-indikaturi ta' twissija bikrija identifikati mill-Kummissjoni.*

Emenda

imħassar

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Atturi ewlenin tas-suq

Atturi ewlenin tas-suq, **organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-suq ewlenin u setturi kritiċi**

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. ***L-Istati Membri għandhom jidentifikaw*** l-atturi ewlenin tas-suq tul il-ktajjen tal-provvista tas-semikondutturi ***fit-territorju nazzjonali tagħhom***, filwaqt li ***jqisu*** l-elementi li ġejjin:

1. ***Il-Kummissjoni, f'koopereazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għandha tidentifika*** l-atturi ewlenin tas-suq tul il-ktajjen tal-provvista tas-semikondutturi ***fis-suq intern***, filwaqt li ***tqis*** l-elementi li ġejjin:

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ***l-għadd ta' impriżi oħra tal-Unjoni li jiddependu fuq is-servizz jew fuq l-oġġett ipprovdut minn attur tas-suq;***

imħassar

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) l-importanza ta' attur tas-suq fiż-żamma ta' livell suffiċjenti ta' provvista ta' servizz jew ta' oġġett fl-Unjoni, filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi għall-forniment ta' dak is-servizz jew ta' dak l-oġġett;

(c) l-importanza ta' attur tas-suq fiż-żamma ta' livell suffiċjenti ta' provvista ta' servizz jew ta' oġġett fl-Unjoni, filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi għall-forniment ta' dak is-servizz jew ta' dak l-oġġett ***u l-għadd ta' impriżi oħra tal-Unjoni li jiddependu, direttament jew indirettament, mis-servizz jew mill-oġġett***

ipprovdut mill-attur tas-suq, b'mod partikolari jekk dawn l-impriżi joperaw f'setturi kritiçi;

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-impatt li tfixkil fil-provvista tas-servizz jew tal-oġġett ipprovdut mill-attur tas-suq jista' jkollu fuq il-katina tal-provvista tas-semikondutturi u fuq *is-swieg dipendenti* tal-Unjoni.

Emenda

(d) l-impatt li tfixkil fil-provvista tas-servizz jew tal-oġġett ipprovdut mill-attur tas-suq jista' jkollu fuq il-katina tal-provvista tas-semikondutturi, *fuq is-swieg dipendenti* u, *b'mod partikolari*, fuq *is-setturi kritiçi* tal-Unjoni.

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-eżitu tal-eżerċizzju ta' mmappjar skont l-Artikolu 17b.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għandha tidentifika l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-suq ewlenin tal-katina tal-valur globali tas-semikondutturi.

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1b (ġdid)

1b. Is-setturi kritiċi, kif definiti fl-Artikolu 2(16), huma daww imsemmijin fl-Anness Ia ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 32, biex taġġorna l-lista tas-setturi kritiċi. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jiġi kkonsultat għall-iskopijiet tal-aġġornament imsemmi hawn fuq.

Emenda 59

**Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)**

Artikolu 17a

Mitigazzjoni tar-riskju

- 1. L-entitajiet tas-setturi kritiċi għandhom jivvalutaw is-sigurtà tal-provvista tagħhom ta' prodotti semikondutturi u jimplementaw miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju bil-għan li jitnaqqsu r-riskju li jkun hemm skarsezzi.**
- 2. L-atturi ewlenin tas-suq għandhom jiżvelaw it-tfixkil sinifikanti fil-katina tal-provvista tal-prodotti tagħhom lill-utenti rispettivi ta' tali prodotti semikondutturi. Il-partiċipanti kollha f'dawn l-iskambji għandhom jirrispettaw l-obbligi kuntrattwali tagħhom u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment kunfidenzjali u s-sigrieti kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inklużi d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.**
- 3. Il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi għandu jinkoraġġixxi lill-atturi ewlenin tas-suq jivvalutaw is-sigurtà tal-provvista tagħhom ta' materja prima għas-semikondutturi, prodotti intermedji u tagħmir u ddisinjar, u**

jimplimentaw il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju bil-għan li jitnaqqsu r-riskju li jkun hemm skarsezzi.

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 17b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 17b

Immappjar tal-katina tal-valur tas-semikondutturi

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għandha twettaq eżerċizzju perijodiku ta' mmappjar tal-ktajjen tal-valur Ewropej u globali tas-semikondutturi bil-għan li tibni l-għarfien u l-kapaċità biex jiġu infurmati l-miżuri futuri tal-politika industrijali u jiġu vvalutati l-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tal-Unjoni fil-katina tal-valur globali tas-semikondutturi. B'mod partikolari, għandha:

- (a) tivvaluta r-riskji li jistgħu jfixklu, jikkompromettu jew jaffettwaw b'mod negattiv il-produzzjoni u l-provvista tas-semikondutturi, inklużi l-impatti potenzjali diretti u indiretti tal-miżuri ġeopolitiċi tal-gvernijiet barranin, fid-dawl tal-elementi transfruntiera tal-ekosistema tal-Unjoni tas-semikondutturi u tal-interkonnnessjonijiet mal-pajjiżi terzi;**
- (b) tiżgura livell tajjeb ta' fehim tas-suq, l-ostakli għad-dħul, il-karatteristiċi tat-teknoloġija, id-dipendenzi mit-teknoloġija u mill-fornituri barranin, u l-punti ta' konġestjoni tal-katina tal-valur globali;**
- (c) tidentifika l-prodotti ewlenin u l-infrastrutturi kritiċi fis-suq intern li jiddependu mis-semikondutturi;**
- (d) tidentifika u tivvaluta l-inċentivi, l-**

opportunitajiet u l-lakuni fl-investimenti fil-katina tal-valur tas-semikondutturi fis-suq intern, pereżempju l-aċċess għal ħaddiema tas-sengħa u mħarrġa kif xieraq, il-prossimità għal raggruppamenti tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi, l-aċċess għal materja prima u inputs kritiċi, id-disponibbiltà ta' enerġija rinnovabbli u l-provvisti ta' materjal sostenibbli.

2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura skont l-Artikolu 26(1) għandhom jimmappjaw l-impriżi li joperaw tul il-katina tal-provvista tas-semikondutturi fit-territorju nazzjonali tagħhom, inkluż informazzjoni mhux kunfidenzjali dwar is-servizzi jew l-oġġetti, u informazzjoni ta' kuntatt. Huma għandhom jinnotifikaw din il-lista u kwalunkwe aġġornament sussegwenti lill-Kummissjoni u lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi. Il-Kummissjoni tista' toħroġ gwida, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, biex tispeċifika ulterjorment l-informazzjoni li għandha tinġabar u tiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet u l-formati tekniċi.

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 17c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 17c

Twissija

1. Meta awtorità nazzjonali kompetenti, abbażi tal-indikaturi ta' twissija bikrija, issir konxja ta' kriżi potenzjali tas-semikondutturi, għandha twissi minnufih lill-Kummissjoni ("twissija bikrija")

2. Meta l-Kummissjoni ssir konxja ta' kriżi potenzjali tas-semikondutturi,

abbażi tal-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, skont l-Artikolu 15 jew permezz ta' sorsi oħra, inkluża informazzjoni mingħand is-sħab internazzjonali, għandha mill-aktar fis possibbli:

(a) tikkonvoka laqgħa straordinarja tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, anki mal-organizzazzjonijiet rappreżentanti ewlenin tas-suq, biex tikkoordina l-azzjonijiet li ġejjin:

(i) tivvaluta jekk l-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 18 hijiex meħtieġa u proporzjonata;

(ii) tiddiskuti u tivvaluta jekk jistax ikun xieraq, meħtieġ u proporzjonat għall-Istati Membri li jixtru b'mod konġunt semikondutturi, prodotti intermedji jew materja prima affettwati jew f'theddida li jiġu affettwati minn kriżi ta' semikondutturi potenzjali ("akkwist koordinat");

(iii) trawwem il-koordinazzjoni bejn l-atturi tal-katina tal-valur tas-semikondutturi biex tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni;

(iv) tidentifika l-aħjar prattiki biex jingħelbu l-iskarsezzi u l-punti ta' konġestjoni identifikati;

(b) tidħol f'konsultazzjonijiet jew f'kooperazzjoni, f'isem l-Unjoni, u wara li tikkonsulta l-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, mal-pajjiżi terzi rilevanti bil-għan li tfittex soluzzjonijiet kooperattivi biex tindirizza t-tfixkil fil-katina tal-provvista, f'konformità mal-obbligi internazzjonali u bl-involviment, meta jkun il-każ, tal-koordinazzjoni fil-fora internazzjonali rilevanti;

(c) titlob lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jivvalutaw l-istat ta' thejjiha tal-atturi ewlenin tas-suq u tal-entitajiet tas-setturi kritiċi identifikati skont l-Artikolu 17b(3).

3. L-akkwist ikkoordinat imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (a)(ii), għandu jitwettaq mill-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi għandha tkun akkumpanjata minn rapport dwar is-sitwazzjoni ta' kriżi, li jitfassal mill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, u li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Qabel l-iskadenza tad-durata li għaliha tkun ġiet attivata fażi ta' kriżi, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, tivvaluta jekk l-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi tenhtigx li tiġi estiża. Meta l-valutazzjoni tikkonkludi li estensjoni hija xierqa, il-Kummissjoni tista' testendi l-attivazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. It-tul ta' żmien tal-estensjoni għandu jiġi speċifikat fl-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 33(2). Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi ripetutament li testendi l-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi fejn dan ikun xieraq.

3. Fil-każ tal-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi skont l-Artikolu 18(1)(b), il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u lill-organizzazzjonijiet rappreżentanti ewlenin tas-suq, qabel l-iskadenza tad-durata li għaliha tkun ġiet attivata l-fażi ta' kriżi, għandha tivvaluta jekk l-attivazzjoni tal-fażi ta' kriżi tenhtigx li tiġi estiża. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' tagħti attenzjoni partikolari lit-tfixkil tas-suq intern. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik il-valutazzjoni disponibbli għall-pubbliku. Meta l-valutazzjoni tikkonkludi li estensjoni hija xierqa, il-Kummissjoni tista' testendi l-attivazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. It-tul ta' żmien tal-estensjoni għandu jiġi speċifikat fl-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 33(2).

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi
ripetutament li testendi l-attivazzjoni tal-
fażi ta' kriżi fejn dan ikun xieraq.

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi, wara valutazzjoni, li l-kriżi ġiet riżolta, u wara li tkun ikkonsultat lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, il-Kummissjoni għandha ttemm il-fażi ta' kriżi permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Matul il-fażi ta' kriżi, il-Kummissjoni għandha, fuq talba minn Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, **tlagqa'** laqgħat straordinarji tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi kif meħtieġ. L-Istati Membri għandhom jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni u għandhom jikkoordinaw kwalunkwe miżura **nazzjonali** meħuda fir-rigward tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi fi ħdan il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi.

4. Matul il-fażi ta' kriżi, il-Kummissjoni għandha, fuq talba minn Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, **tikkonvoka** laqgħat straordinarji tal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi kif meħtieġ **u tistieden anki lill-organizzazzjonijiet rappreżentanti ewlenin tas-suq**. L-Istati Membri għandhom jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni u għandhom jikkoordinaw kwalunkwe miżura **rilevanti** meħuda fir-rigward tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi fi ħdan il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi.

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Mal-iskadenza tat-tul ta' żmien li għaliha tiġi attivata l-fażi ta' kriżi, il-miżuri meħuda f'konformità mal-Artikoli 20, 21 u 22 ma għandhomx jibqgħu japplikaw. Il-Kummissjoni għandha ***tirrevedi l-valutazzjoni tar-riskju tal-Unjoni skont l-Artikolu 16(2)*** mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tat-tul taż-żmien tal-fażi ta' kriżi.

Emenda 67

**Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 68

**Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 5b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 69

Proposta għal regolament

Emenda

5. Mal-iskadenza tat-tul ta' żmien li għaliha tiġi attivata l-fażi ta' kriżi, il-miżuri meħuda f'konformità mal-Artikoli 20, 21 u 22 ma għandhomx jibqgħu japplikaw. Il-Kummissjoni għandha, ***wara li tikkonsulta lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, taġġorna l-immappjar tal-katina tal-valur tas-semikondutturi, f'konformità mal-Artikolu 17b skont it-tagħlimiet li ħadet mill-kriżi*** mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tat-tul taż-żmien tal-fażi ta' kriżi.

Emenda

5a. Qabel ma tattiva jew testendi l-fażi ta' kriżi, il-Kummissjoni għandha tqis l-impatti negattivi u l-konsegwenzi potenzjali tal-fażi ta' kriżi fuq l-industrija tas-semikondutturi u s-setturi kritiċi tal-Unjoni.

Emenda

5b. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-attivazzjoni ta' fażi ta' kriżi tiġi estiża kif imsemmi fil-paragrafu 3, l-attivazzjoni oriġinali u kull estensjoni tal-fażi ta' kriżi ma għandhomx jaqbżu t-12-il xahar.

Artikolu 19 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Sett ta' għodod ta' emerġenza

Emenda

Sett ta' għodod ta' emerġenza *f'każ ta' kriżi*

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta l-fażi ta' kriżi tiġi attivata u fejn xieraq sabiex tiġi indirizzata l-kriżi tas-semikondutturi fl-Unjoni, il-Kummissjoni ***għandha*** tiegħu ***l-miżura prevista*** mill-Artikolu 20 skont il-kundizzjonijiet stabbiliti ***fih***. ***Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tiegħu l-miżuri previsti mill-Artikolu 21 jew fl-Artikolu 22, jew it-tnejn, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih.***

Emenda

1. Meta l-fażi ta' kriżi tiġi attivata u fejn xieraq sabiex tiġi indirizzata l-kriżi tas-semikondutturi fl-Unjoni, il-Kummissjoni ***tista'*** tiegħu ***l-miżuri previsti*** mill-Artikolu 20, ***21 jew 22, jew kollha kemm huma***, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti ***fihom***. ***Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom ukoll id-dritt, meta jkun xieraq, li jitolbu l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju meħuda skont l-Artikolu 17a.***

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni ***tista'***, wara li tikkonsulta lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, tillimita l-miżuri previsti mill-Artikoli 21 u 22 ***għal ċerti setturi kritiċi li l-operat tagħhom hu mfixkel jew mhedded minn tfixkil minħabba l-kriżi tas-semikondutturi.***

Emenda

2. Il-Kummissjoni ***għandha***, wara li tikkonsulta lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi ***u lill-organizzazzjonijiet rappreżentanti ewlenin tas-suq***, tillimita l-miżuri previsti mill-Artikoli 20, 21 u 22, ***fil-kundizzjonijiet stabbiliti fihom, għall-atturi tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi direttament relatata mal-provvista tas-setturi kritiċi msemmija fil-kamp ta' applikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jattiva l-fażi ta' kriżi.***

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-fażi ta' kriżi tiġi attivata **u fejn xieraq sabiex tiġi indirizzata l-kriżi tas-semikondutturi fl-Unjoni**, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi **jista'**:

Emenda

3. Meta l-fażi ta' kriżi tiġi attivata, il-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi **għandu**:

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-użu tal-miżuri msemmija **fil-paragrafu 1** għandu jkun proporzjonat u ristrett għal dak li huwa meħtieġ biex jiġi indirizzat tfixkil serju **tal-funzjonijiet tas-soċjetà jew tal-attivitàjiet ekonomiċi vitali fl-Unjoni** u jrid ikun fl-aqwa interess tal-Unjoni. L-użu ta' dawn il-miżuri għandu jevita t-tqegħid ta' piż amministrattiv sproporzjonat fuq l-SMEs.

Emenda

4. L-użu tal-miżuri msemmija **fil-paragrafi 1 u 2** għandu jkun proporzjonat u ristrett għal dak li huwa meħtieġ biex jiġi indirizzat tfixkil serju **tas-setturi kritiċi msemmija fl-att ta' implimentazzjoni li jattiva l-fażi ta' kriżi** u jrid ikun fl-aqwa interess tal-Unjoni. L-użu ta' dawn il-miżuri għandu jevita t-tqegħid ta' piż amministrattiv sproporzjonat **fuq l-impriżi, u b'mod partikolari** fuq l-SMEs.

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe miżura meħuda f'konformità **mal-paragrafu 1** u tispjega r-raġunijiet tad-deċiżjoni tagħha.

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe miżura meħuda f'konformità **mal-paragrafi 1 u 2** u tispjega r-raġunijiet tad-deċiżjoni tagħha.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-Kummissjoni *tista'*, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, toħroġ gwida dwar l-implimentazzjoni u l-użu tal-miżuri ta' emerġenza.

Emenda 76

**Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' żewġ Stati Membri jew aktar, tistabbilixxi mandat biex taġixxi bħala korp ċentrali għall-akkwisti f'isem l-Istati Membri parteċipanti ("Stati Membri parteċipanti") għall-akkwist pubbliku tagħhom ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet *għal ċerti setturi kritiċi* ("xiri komuni").

Emenda 77

**Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, tivvaluta l-utilità, il-ħtieġa u l-proporzjonalità tat-talba. Meta l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li ma ssegwix it-talba, hija għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi u *tagħti* r-raġunijiet għar-rifjut tagħha.

Emenda

6. Il-Kummissjoni *għandha*, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, toħroġ gwida dwar l-implimentazzjoni u l-użu tal-miżuri ta' emerġenza.

Emenda

1. Il-Kummissjoni tista', fuq talba *motivata* ta' żewġ Stati Membri jew aktar, tistabbilixxi mandat biex taġixxi bħala korp ċentrali għall-akkwisti f'isem l-Istati Membri parteċipanti ("Stati Membri parteċipanti") għall-akkwist pubbliku tagħhom ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet *għas-setturi kritiċi msemmija fl-att ta' implimentazzjoni li jattiva l-fażi ta' kriżi* ("xiri komuni"). *It-talbiet tal-Istati Membri għax-xiri komuni jenħtieġ li jkunu debitament ġustifikati u użati esklużivament biex jindirizzaw it-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista tas-semikondutturi li wassal għall-kriżi.*

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Bord Ewropew dwar is-Semikondutturi, tivvaluta l-utilità, il-ħtieġa u l-proporzjonalità tat-talba, *inkluż fir-rigward tal-kontribut tagħha biex tindirizza l-kawżi tal-kriżi*. Meta l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li ma ssegwix it-talba, hija għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Bord Ewropew

dwar is-Semikondutturi u *tippubblika* r-raġunijiet għar-rifjut tagħha.

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tfassal proposta għal ftehim qafas li għandu jiġi ffirmat mill-Istati Membri parteċipanti. Dan il-ftehim qafas għandu jorganizza fid-dettall ix-xiri komuni msemmi fil-paragrafu 1.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tfassal proposta għal ftehim qafas li għandu jiġi ffirmat mill-Istati Membri parteċipanti. Dan il-ftehim qafas għandu jorganizza fid-dettall ix-xiri komuni msemmi fil-paragrafu 1, ***inklużi d-dispożizzjonijiet dwar l-użu ulterjuri tal-prodotti mixtrija fl-eventwalità li mhux il-prodotti kollha jintużaw matul il-fażi ta' kriżi.***

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-akkwist skont dan ir-Regolament għandu jitwettaq mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju għall-akkwist tagħha stess. Il-Kummissjoni ***jista'*** jkollha l-kapaċità u r-responsabbiltà, f'isem l-Istati Membri parteċipanti kollha, li tidħol f'kuntratti mal-operaturi ekonomiċi, inkluż produtturi individwali ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet, rigward ix-xiri ta' tali prodotti jew dwar il-finanzjament bil-quddiem tal-produzzjoni jew l-iżvilupp ta' tali prodotti bi skambju għal dritt ta' prijorità għar-riżultat.

Emenda

4. L-akkwist skont dan ir-Regolament għandu jitwettaq mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju għall-akkwist tagħha stess, ***inklużi integrazzjoni xierqa tar-rekwiżiti ambjentali, soċjali u tax-xogħol, u l-prinċipji tat-trattament indaqs u tat-trasparenza.*** Il-Kummissjoni ***għandu*** jkollha l-kapaċità u r-responsabbiltà, f'isem l-Istati Membri parteċipanti kollha, li tidħol f'kuntratti mal-operaturi ekonomiċi, inkluż produtturi individwali ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet, rigward ix-xiri ta' tali prodotti jew dwar il-finanzjament bil-quddiem tal-produzzjoni jew l-iżvilupp ta' tali prodotti bi skambju għal dritt ta' prijorità għar-riżultat.

Emenda 80

**Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-Kummissjoni għandha twettaq il-proċeduri ta' akkwist u tikkonkludi l-kuntratti mal-operaturi ekonomiċi f'isem l-Istati Membri parteċipanti. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri parteċipanti jaħtru rappreżentanti biex jieħdu sehem fit-tnejn tal-proċeduri ta' akkwist. It-tnejn għall-użu u l-użu tal-prodotti mixtrija għandhom jibqgħu r-responsabbiltà tal-Istati Membri parteċipanti.

Emenda

6. Il-Kummissjoni għandha twettaq il-proċeduri ta' akkwist u tikkonkludi l-kuntratti mal-operaturi ekonomiċi f'isem l-Istati Membri parteċipanti, ***u mhux aktar tard minn ħames xhur wara li jirċievu t-talba msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*** Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri parteċipanti jaħtru rappreżentanti biex jieħdu sehem fit-tnejn tal-proċeduri ta' akkwist. It-tnejn għall-użu u l-użu tal-prodotti mixtrija għandhom jibqgħu r-responsabbiltà tal-Istati Membri parteċipanti, ***f'konformità mal-ftehim qafas.***

Emenda 81

**Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 6a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 82

**Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 6b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Mingħajr preġudizzju għad-dritt pubbliku li japplika fl-Istati Membri f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, meta jintuża x-xiri komuni, l-Istati Membri parteċipanti ma għandhomx jidħlu f'negozjati paralleli għall-istess prodotti mal-istess entitajiet.

6b. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri tingħata aċċess xieraq sħiħ għad-dokumenti u għall-komunikazzjonijiet rilevanti kollha, bil-għan li tkun tista' tgħarbel l-attivitàjiet

*tax-xiri komuni, fosthom il-kuntratti
konklużi.*

Emenda 83

**Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 6c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6c. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kuntratti kollha tax-xiri komuni jkunu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mill-aktar fis possibbli u, fi kwalunkwe każ, fi żmien 45 jum mill-iffirmar tal-kuntratt rilevanti. L-informazzjoni żvelata għall-iskrutinju pubbliku għandha tinkludi n-numru ta' unitajiet tal-prodotti li għandhom jiġu kkonsenjati u d-dati tal-konsenja li ntlaħaq qbil fuqhom, l-arranġamenti relatati mad-donazzjoni tal-prodotti, il-proprjetà intellettwali u t-trasferiment tat-teknoloġija fi ħdan l-Unjoni u mal-pajjiżi terzi u l-patti u l-kundizzjonijiet relatati mal-ksur tal-kuntratti u mat-terminazzjoni tagħhom.

Emenda 84

**Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) jindirizza kwistjonijiet ta' monitoraġġ u rispons għall-kriżijiet;

(d) jindirizza kwistjonijiet ta' monitoraġġ, **ta' mmappjar u tat-trasparenza tal-katina tal-valur fis-suq intern u fuq livell dinji, u kwistjonijiet ta'** rispons għall-kriżijiet;

Emenda 85

**Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) jipproponi indikaturi ta' twissija bikrija lill-Kummissjoni;

Emenda 86

**Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) jikkostitwixxi forum ta' kooperazzjoni, skambju ta' informazzjoni u koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-sħab internazzjonali affidabbli;

Emenda 87

**Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-ħatra tal-awtorità nazzjonali kompetenti u, fejn applikabbli, bir-raġunijiet għall-ħatra ta' aktar minn awtorità nazzjonali kompetenti waħda, u l-punt uniku ta' kuntatt nazzjonali, inkluż il-kompiti u r-responsabbiltajiet preċiżi tagħhom skont dan ir-Regolament, l-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom u kwalunkwe bidla sussegwenti fiha.

4. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-ħatra tal-awtorità nazzjonali kompetenti **sa ... [60 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]** u, fejn applikabbli, bir-raġunijiet għall-ħatra ta' aktar minn awtorità nazzjonali kompetenti waħda, u l-punt uniku ta' kuntatt nazzjonali, inkluż il-kompiti u r-responsabbiltajiet preċiżi tagħhom skont dan ir-Regolament, l-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom u kwalunkwe bidla sussegwenti fiha.

Emenda 88

**Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. L-Istati Membri għandhom

6. L-Istati Membri għandhom

jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kull meta jkun xieraq, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, jikkonsultaw **u jikkooperaw ma' awtoritajiet nazzjonali** rilevanti **oħra**, kif ukoll **mal-partijiet ikkonċernati rilevanti**. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kull meta jkun xieraq, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, jikkonsultaw **lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra u lill-partijiet ikkonċernati** rilevanti kif ukoll **jikkooperaw magħhom**. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju **regolari** ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Emenda 89

Proposta għal regolament Anness -I (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Anness -I

Setturi kritiċi

1. Enerġija
2. Trasport
3. Settur bankarju
4. Infrastrutturi tas-swieq finanzjarji
5. Saħħa
6. Ilma tax-xorb
7. Ilma mormi
8. Infrastrutturi diġitali
9. Amministrazzjoni pubblika
10. Spazju
11. Produzzjoni, ipproċessar u distribuzzjoni tal-ikel
12. Difiża

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep)		
Referenzi	COM(2022)0046 – C9-0039/2022 – 2022/0032(COD)		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 7.3.2022		
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 7.3.2022		
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	7.7.2022		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Maria-Manuel Leitão-Marques 31.3.2022		
Eżami fil-kumitat	8.9.2022	27.10.2022	29.11.2022
Data tal-adozzjoni	12.12.2022		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	32 3 4	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Andrus Ansip, Alessandra Basso, Adam Bielan, Biljana Borzan, Anna Cavazzini, Lara Comi, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Maria-Manuel Leitão-Marques, Morten Løkkegaard, Adriana Maldonado López, Antonius Manders, Beata Mazurek, Anne-Sophie Pelletier, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann, Marco Zullo		
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Campomenosi, Maria da Graça Carvalho, Malte Gallée, Claude Gruffat, Antonio Maria Rinaldi		
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jarosław Duda, Cristina Maestre Martín De Almagro, Francisco José Millán Mon, Inma Rodríguez-Piñero		

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

32	+
PPE	Maria da Graça Carvalho, Lara Comi, Jarosław Duda, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Francisco José Millán Mon, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Tom Vandendriessche, Marion Walsmann
Renew	Andrus Ansip, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Morten Løkkegaard, Róża Thun und Hohenstein, Marco Zullo
S&D	Alex Agius Saliba, Biljana Borzan, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Cristina Maestre Martín De Almagro, Adriana Maldonado López, René Repasi, Inma Rodríguez-Piñero, Christel Schaldemose
The Left	Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Anna Cavazzini, Malte Gallée, Alexandra Geese, Claude Gruffat, Kim Van Sparrentak

3	-
ECR	Adam Bielan, Eugen Jurzyca, Beata Mazurek

4	0
ID	Alessandra Basso, Marco Campomenosi, Virginie Joron, Antonio Maria Rinaldi

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni